

32003L0003

L 4/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.1.2003

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2003/3/KE**tas-6 ta' Jannar 2003****dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu tal-“kolorant blu” (tnax-il addattament għall-progress tekniku tad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta' sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/2/KE tas-6 ta' Jannar 2003 dwar restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta' arseniku (l-għaxar addattament għall-progress tekniku għad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE) ⁽²⁾ u partikolarment l-Artikolu 2(a) tagħha, introdott permezz ta' Direttiva tal-Kunsill 89/678/KEE ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Taħt id-Direttiva 76/769/KEE kif emendata permezz tad-Direttiva 2002/61/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ ażokoloranti speċifikati, m'għandhomx jintużaw f'ċertu oġġetti ta' tessut jew tal-ġilda; daww l-oġġetti ta' tessut jew ġilda m'għandhom lanqas jitqiegħdu fis-suq sakemm ma jkunux konformi mal-ħtiġiet ta' dik id-Direttiva.
- (2) Ir-riskji għas-saħħa u l-ambjent mill-“kolorant blu Nru ta' l-Indiċi 611-070-00-2” ġew stmati taħt id-Direttiva tal-Kummissjoni 93/67/KEE ta' l-20 ta' Lulju 1993 li tistabbilixxi il-prinċipji sabiex jiġu valutati r-riskji għas-saħħa u l-ambjent mis-sustanzi notifikati skond id-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE ⁽⁵⁾; l-istima tar-riskju identifikat il-bżonn għal tnaqqis ta' riskju mill-kolorant blu fuq l-ambjent peress li dan il-kolorant blu għandu tossiċità akwatika għolja, mhux degradabbli faċilment, u jaasal fl-ambjent permezz ta' l-ilma mormi.
- (3) Sabiex jiġi protett l-ambjent, għandhom jiġi projbiti it-tqiegħid fis-suq, u l-użu tal-kolorant blu, għar-rigward fejn jingħata l-kulur lill-oġġetti ta' tessut u tal-ġilda, Għalhekk għandu jiżdied il-kolorant blu ma' daww is-sustanzi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE.
- (4) Ir-restrizzjonijiet għat-tqiegħid fis-suq, u l-użu tal-kolorant blu, kif stabbilit f'din id-Direttiva, jieħdu in konsiderazzjoni l-istat kurrenti tat-tagħrif u metodi tekniċi dwar alternattivi addatti.

- (5) Din id-Direttiva għandha tapplika bla ħsara għal-leġislazzjoni tal-Komunità li tistabbilixxi il-ħtiġiet minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema, partikolarment id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ⁽⁶⁾, u d-Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn espożizzjoni għar-riskji ta' aġenti karċinoġeni fuq ix-xogħol (Is-Sitt Direttiva Individwali fis-sens ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) ⁽⁷⁾, kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva 1999/38/KE ⁽⁸⁾.
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-adattament għall-progress tekniku, tad-Direttivi dwar it-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ, f'sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE huwa hawnhekk adattat għall-progress tekniku kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ, liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni, minnufih. Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mit-30 ta' Ġunju 2004.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-riferenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

⁽¹⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201.⁽²⁾ Ara paġna 9 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.⁽³⁾ ĠU L 398, tat-30.12.1989, p. 24.⁽⁴⁾ ĠU L 243, tal-11.9.2002, p. 15.⁽⁵⁾ ĠU L 227, tat-8.9.1993, p. 9.⁽⁶⁾ ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 196, tas-26.7.1990, p. 1.⁽⁸⁾ ĠU L 138, ta' l-1.6.1999, p. 66.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Jannar 2003.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

— Fl-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE, il-punt 43 huwa sostitwit mis-segwenti:

"43 Ażokoloranti	1. Azodyes li, permezz tat-tnaqqis ta' wieħed jew aktar mill-gruppi azo, jistgħu jirrilaxxaw wieħed jew aktar amines aromatiċi elenkati fl-Appendiċi, permezz ta' konċentrazzjonijiet li jiġu rintraċċati i.e. aktar minn 30 ppm fl-oġġetti kompluti jew fil-partijiet miżbugħa tagħhom, skond il-metodu ta' ttestjar stabbilit skond l-Artikolu 2(a) ta' din id-Direttiva, ma jistgħux jintużaw f'oġġetti ta' tessut jew tal-ġilda, li jistgħu jiġu f'kontatt dirett u prolongat mal-ġilda umana jew il-kavita tal-ħalq, bħal: — ħwejjeġ, friex, xugamani, biċċiet tax-xagħar, parrokki, kpiepel, ħrieqi, u oġġetti oħra sanitarji, sleeping bags, — żraben, ingwanti, ċineg ta' l-arloġġi ta' l-idejn, boroż ta' l-idejn, portmonijiet/kartieri, valiġġetti, koperturi għas-siġġijiet, portmonijiet li jint-libsu madwar l-għonq, — ġugarelli tat-tessut jew tal-ġilda u ġugarelli li jinkludu ħwejjeġ tat-tessut jew tal-ġilda, — ħajt u drapp, maħsub għall-użu finali mill-konsumatur. 2. Aktar minn hekk, l-oġġetti tat-tessut jew tal-ġilda msemmija f'punt 1 hawn fuq, ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq sakemm ma jikkonformawx mal-ħtiġiet stabbiliti f'dak il-punt. B'deroga, sa' l-1 ta' Jannar 2005, din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għall-oġġetti tat-tessut magħmula minn fibra riċklata jekk l-amini huma rilaxxati permezz ta' residwi li jkunu ġejjin minn żebgħa preċedenti fuq l-istess fibri u jekk l-amini elenkati huma rilaxxati f'konċentrazzjonijiet taħt il-70 ppm 3. Azodyes, li jinstabu fil-Lista ta' azodyes li huma hawnhekk miżjuda ma' l-Appendiċi, ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jew jiġu wżati sabiex jiġi kuluriti l-oġġetti tat-tessut jew tal-ġilda, bħala sustanza jew kostitwent ta' preparazzjonijiet f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 0,1 % bil-massa. 4. Il-Kummissjoni għandha, fid-dawl ta' għarfien xjentifiku ġdid, tirrevedi id-dispożizzjonijiet dwar il-ażokoloranti, mhux aktar tard mill-11 ta' Settembru 2005."
-------------------------	--

— Il-puntsegwenti għandu jiġi miżjud ma' l-Appendiċi

"Punt 43 Ażokoloranti

Lista ta' amini aromatiċi

	Numru SAK	Numru ta' l-indiċi	Numru KE	Sustanzi
1	92-67-1	612-072-00-6	202-177-1	Biphenyl-4-ylamine 4 aminobiphenyl xenylamine
2	92-87-5	612-042-00-2	202-199-1	Benzidine
3	95-69-2		202-441-6	4-chloro-o-toluidine
4	91-59-8	612-022-00-3	202-080-4	2-naphthylamine
5	97-56-3	611-006-00-3	202-591-2	o-aminoazotoluene 4-amino-2',3'- dimethylazobenzene 4-o-tolylazo-toluidine
6	99-55-8		202-765-8	5-nitro-o-toluidine
7	106-47-8	612-137-00-9	203-401-0	4-chloroaniline
8	615-05-4		210-406-1	4-methoxy-m- phenylenediamine
9	101-77-9	612-051-00-1	202-974-4	4,4'-methylenedianiline 4,4'-diaminodiphenylmethane

	Numru SAK	Numru ta' l-indiċi	Numru KE	Sustanzi
10	91-94-1	612-068-00-4	202-109-0	3,3'-dichlorobenzidine 3,3'-dichlorobiphenyl-4,4'- ylenedia-mine
11	119-90-4	612-036-00-X	204-355-4	3,3'-dimethylbenzi-benzidin o-dianizidin
12	119-93-7	612-041-00-7	204-358-0	3,3'-dimethylbenzidine 4,4'-bi-o-toluidine
13	838-88-0	612-085-00-7	212-658-8	4,4'-methylenedi-toluidine
14	120-71-8		204-419-1	6-methoxy-m-toluidine p-cresidine
15	101-14-4	612-078-00-9	202-918-9	4,4'-methylene-bis-(2chloro- aniline) 2,2'-dichloro-4,4'-methylene- dianiline
16	101-80-4		202-977-0	4,4'-oxydianiline
17	139-65-1		205-370-9	4,4'-thiodianiline
18	95-53-4	612-091-00-X	202-429-0	o-toluidin 2-aminotoluene
19	95-80-7	612-099-00-3	202-453-1	4-methyl-m-phenylenediamine
20	137-17-7		205-282-0	2,4,5-trimethylaniline
21	90-04-0	612-035-00-4	201-963-1	o-anisidine 2-methoxyaniline
22	60-09-3	611-008-00-4	200-453-6	4-amino azobenzene

Lista ta' azodyes

	Numru SAK	Numru ta' l-indiċi	Numru KE	Sustanzi
1	Mhux allokat: Komponent 1: Numru-CAS: 118685-33-9 $C_{39}H_{23}ClCrN_7O_{12}S_2Na$ Komponent 2: $C_{46}H_{30}CrN_{10}O_{20}S_2 \cdot 3Na$	611-070-00-2	405-665-4	Taħlita ta': disodium (6-(4-anisido)-3-sulfonato-2-(3,5-dinitro-2-oxidopheny-lazo)-1-naphtholato) (1-(5-chloro-2-oxidophenylazo)-2-naphtholato)chromate(1-); trisodium bis (6-(4-anisidino)-3-sulfonato-2-(3,5-dinitro-2-oxidopheny-lazo)-1-naphtholato)chromate(1-)"